s-suq, li hekk kien jarma ż-żiemel kif kien jaħtaf il-midra. L-età tan-nobbli tagħna kienet waslet mal-ħamsin sena: kien ta' lewn qawwi, niexef fil-laħam, xott fil-wiċċ, ibakkar ħafna filgħodu u iħobb il-kaċċa. Jixtiequ jgħidu li kellu l-laqam ta' Kiħada jew Kisada (li f'dan hemm xi differenza fl-awturi li jiktbu fuq dal-każ), hu x'inhu meta qagħdu jaqtgħu jingħata x'nifhmu li kien jismu Kiħana. Iżda dan ftit jimporta għar-rakkont tagħna...

---

# IL-BARRAKKA TA' FUQ

F'għodwa sajfija,
Qomt kmieni minn soddti,
Għax nagħsi tajjarli
It-tħewdin ta' moħħi.
Mort niġri l-Barrakka
Biex fl-arja diefa
id-dwejjaq intajjar
Hemm qalbi nserraħ
Fil-wesgħa tal-baħar.
Lejha għadni ninġibed
U lilha għadni nħobb.
Imma tħassartek, għażiża
U bkejtek ukoll
Għax naf li qed tinbidel
Minn dak li dari kont.

Fuq bank jien poġġejt
B'Sant'Anġlu quddiemi
Issa bla saħħa, imma qalbieni.
Ħarist lejn l-Isla
Mill-baħar imgħannqa
Li fiha twelidt
U hemmhekk trabbejt.
L-istess bħas-Serena
Li għammret hekk ħienja
Fl-għerien li jaħfnuha

Meta wiċċi dawwart
Bust Churchill ilmaħt
Nuqqasu wisq ħassejt
Għax miegħu kont batejt
Ħa jsalvani il-ħelsien
Fid-dinja tal-ħajjin.
Kien kollox għalxejn,
Għad irid jitħallas id-dejn.

F'"Les Gavroches" f'rokna mgeddsin
Wara għajnejja sammart
F'"Les Gavroches" f'rokna mgeddsin
Magħhom it-tlieta sseħibt.
Għall-ħajja erġajt tirt.
Warajhom issaħħart,
Qalbi sabbart,
U fiha bdiet twarrad
It-tama f'dehen il-bnedmin.

GODFREY ZARB ADAMI



# LUDOVIK MIFSUD TOMMASI
## Kriterji Letterarji u Popolari

M'nn JOE MANGION

Ludovik Mifsud Tommasi twieled nhar it-18 ta' Novembru 1796 minn Franġisk u Anġelika Tommasi;(1) sar qassis u beda jgħallem fis-Seminarju sakemm fl-1834 fetaħ skola fid-dar tiegħu, 91 Strada Levante, Valletta. Fl-1857 ġie maħtur kanonku tal-Kolleġġjata ta' Bormla u wara l-Isqof Pace Forno għażlu għall-kanonikat tal-Kattidral. Meta kiber tilef id-dawl, iżda xorta ssokta jikteb. Miet fit-23 ta' Ottubru 1872.(2)

Għalkemm l-isem tiegħu għamlu bil-kitba tal-kurunelli bil-Malti, Mifsud Tommasi beda l-kitba tiegħu bit-Taljan: l-ewwel xogħol tiegħu kien ġabra ta' sunetti f'ġieħ l-Arċisqof F.S. Caruana — IL PRESAGIO AVVERITO. Għad li maħduma bir-reqqa u bis-sengħa, din il-ġabra nistgħu nqisuha bħala eżerċizzju metriku, għax billi l-argument huwa superfiċjali u nieqes mill-ħeġġa sinċiera tas-sentimenti, ma nafx kemm nistgħu ngħidu li l-kostitwenti tas-sunetti jingħaqdu biex jiffurmaw il-vera poeżija. Biss, naraw is-sena tal-kittieb fir-retorika u fil-kostruzzjonijiet klassiċi: fuq hekk tistħajjilhom salmi bibbliċi li jeżultaw u jgħannu l-glorja ta' l-eroj feddej—

"Applaude Roma, e 'l Reggitor del Mare:
Alto il Tebro e il Tamigi alto ripete
I plausi, e voi de plausi scopo siete
Voi de SAVERIO eccelse dati e rare"

(Sonetto XI)

Fid-dedikazzjoni l-kittieb fissrilna l-għan li kellu f'moħħu meta kiteb is-sunetti: "Quella Filosofia, che non soggiace ad alternazione di sentimenti, quella stessa che mi ha di coloro sempre mai invaghito,... dessa è stata, che riprender mi fece il negletto mio Plettro per esprimere in tuon di gioia verace verso l'ECCELLENZA VOSTRA REVMA,... Dessa è stata, che **trasferir mi fece sulle vette di Pindo** per coglíervi de fiori ad intessere una CORONA al vostro eccelso Merito..." — Minn dawn il-kelmtejn toħroġ il-viżjoni tal-'poeżija' kif jaraha l-poeta: fil-waqt li fil-kurrenti jistabilixxi rapport dirett mat-tradizzjoni tal-poplu, fis-sunetti għadu maqtugħ minn dak il-moviment u jippreżenta l-poeta bħala l-messaġġier tal-muża. Hekk fil-kurunelli joqgħod fuq l-istess livell tal-qarrej,